MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2025/2002

***Vodafone Malta Limited***

***Vs***
***Ellul Holdings Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta’ Awissu, 2002, fejn intalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm234.29c) rappresentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici in konnessjoni mal-*“mobile phone”* bin-numru 99490906.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-avviz u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont pretiz f’din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament kontra l-konvenut.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Beppe Fenech Adami ghas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u tletin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm234.29c), kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**